SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 13/KA2/15

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 10/09/15** **54**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 10/09/15** **64**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 02/12/14** **06**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

1.03

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Albert Bonello Ghio | Ċermen | ABG | Preżenti |
| Micheal La Rosa | Viċi Ċermen | MLR | Preżenti |
| Joseph Oliva | Membru | JO | Preżenti |
| Maria Dolores Falzon | Membru | MDF | Skużata |
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Marilyn Cassar | Skrivana | MC | Preżenti |

1.04 Preżenza tal-Pubbliku :- (1) Is-Sur Richard Scicluna

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-4 ta' Settembru 2015. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Co-option ta' Membru
4. Mwejjed u Siġġijiet
5. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2015
6. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
7. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
9. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 12/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 L-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P333 Talba mingħand is-Sur Matthew Gauci għal *No Objection* għal *platform* u *planters* quddiem l-Ambasciata Veneziana fi Triq Wilġa k/m Triq id-Dragunara.

P356 Email mingħand Joann Camilleri dwar Triq il-Knisja.

P358 Email mingħand it-Transport Malta dwar it-*Traffic Management* f'Paceville.

P363 Talba mingħand il-GO p.l.c. sabiex isiru xogħolijiet fi Triq San Ġorġ.

P382 Talba mingħand AuntieLucy għal tneħħija ta' parkeġġ fi Triq Elija Zammit u ssir *Un/Loading Bay*.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P333**

2.02 Saret riferenza għat-talba mingħand is-Sur Matthew Gauci għal *No Objection* għal *platform* u *planters* quddiem l-Ambasciata Veneziana fi Triq Wilġa k/m Triq id-Dragunara. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa.

**Rif. Nru. P356**

2.03 Saret riferenza għal-email mingħand Joann Camilleri dwar Triq il-Knisja. Ġie deċiż unanimament li l-planters jiġu rrapurtati lill-Environmental Landscape Consortium.

**Rif. Nru. P358**

2.04 B'riferenza għal-email mingħand it-Transport Malta dwar it-*Traffic Management* f'Paceville, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat Amministrattiv ma jaqbilx ma' din il-proposta.

**Rif. Nru. P363**

2.05 Saret riferenza għat-talba mingħand il-GO p.l.c. sabiex isiru xogħolijiet fi Triq San Ġorġ. Ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-klijent sabiex tiġi diskussa aħjar din il-materja. Għal din il-laqgħa ser ikunu preżenti ċ-Ċermen kif ukoll is-Sindku.

**Rif. Nru. P382**

2.06 Saret riferenza għat-talba mingħand AuntieLucy għal tneħħija ta' parkeġġ fi Triq Elija Zammit u issir *Un/Loading Bay*. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba dment li tkun temporanja u li l-*Un/Loading* tkun għal matul il-ġurnata biss sal-5.00p.m. Wara l-5.00p.m. għandu jsir parkeġġ normali.

**3 Co-option ta' Membru**

3.01 Iċ-Ċermen reġa' nforma lill-Kumitat li għadu ma sab lil ħadd li hu nteressat.

3.02 Ġie deċiż unanimament li din il-materja terġa tiġi diskussa waqt il-laqgħa li jmiss.

**4 Mwejjed u Siġġijiet**

4.01 Iċ-Ċermen ippreżenta lista tal-istabilimenti li għandhom l-permess tal-imwejjed u siġġijiet f'Paceville.

4.02 Ġie deċiż unanimament il-Viċi-Ċermen u l-Membru Joe Oliva jmorru jduru il-lokalita' u jagħmlu lista ta' min għandu mwejjed u siġġijiet barra.

4.03 Din il-lista titressaq quddiem il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv Pacevile.

**5 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2015**

5.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2015 (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2015.

5.03 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**6 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

6.01 Ġie deċiż unanimament li ssir talba lit-Transport Malta sabiex Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq Spinola ssir *one-way* bil-kontra. Iċ-Ċermen għandhu jagħti *site plan* ta' l-imsemmija *area* lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill.

6.02 Ġie deċiż unanimament li ssir talba lit-Transport Malta biex iż-*Zebra Crossing* ta' Triq Ross quddiem l-8 Till Late tinżel iktar l-isfel. Filwaqt li ssir *central strip* f'nofs it-triq. Dan sabiex min ikun qed jaqsam, jieqaf fuq ic-*cental strip* fin-nofs u jaqsam biċċa biċċa u b'hekk jonqos il-periklu għall-pubbliku kif ukoll il-konġestjoni tat-traffiku.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

7.01 Il-Membru Joe Oliva astjena minħabba li ma jridx jieħu responsabbilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandu d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

7.02 Il-pagamenti ġew approvati.

**8 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P348 sa' nru. P360 għall-approvazzjoni (Ara Appendici 'Ċ')

7.03 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

8.02 Il-Viċi-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

8.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**9 Aġġornament tal-laqgħa**

9.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2015 fil-5.00 p.m.

9.02 Il-laqgħa ntemmet fit-5.50p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**